BIRŻEBBUĠA

“Dar Birzebbuga” Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Tkomplija tal-laqgħa numru 02/14 tal-Kunsill Lokali ta’ Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis 27 ta’ Frar 2014 fil-5.30pm**

| | |
|---|---|
| *Preżenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Aġent Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |

1. Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- staqsa fuq il-laqgħa li kien hemm dwar id-devoluzzjoni tad-dawl. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li ma kienet taf bl-ebda laqgħa fuq is-suġġett. Infurmat lill-Kamra li l-Kunsill Lokali wera nteress li jidħol mal-lokalitajiet tar-Reġjun Nofsinhar jekk tinħareġ sejħa pubblika konġunta.

- talab li jsir il-*patching* fi Triq Tal-Papa u Triq Belle-Isle. Is-Sindku kkonferma li x-xogħol ta’ *patching* fi Triq Tal-Papa diġa beda.

- talab ikun infurmat fir-rigward tax-xogħlijiet żejda li saru fil-Bajja s-Sabiħa. Is-Sindku informa l-Kamra li ma sar l-ebda xogħol żejjed a spejjeż tal-Kunsill Lokali, l-uniku xogħol żejjed li sar kien min-naħa tad-Dipartiment tad-Drenaġġ a spejjeż tagħhom. C.Cachia ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li sar xi xogħol mhux tajjeb. Is-Sindku talab lil C.Cachia sabiex flimkien mal-Perit tal-Kunsill imur fuq il-post sabiex jindika l-post eżatt.

- staqsa dwar l-i*status* tal-applikazzjoni l-MEPA fuq il-*masterplan* tal-Bajja s-Sabiħa.

- informa l-Kamra li skont risposta għall-Mistoqsija Parlamentari fi Triq Għar Dalam se jiġu mwaħħla *Vehicle Activated Sign* sabiex jiġi kkontrollat sewqan aċċessiv.

- talab sabiex jara l-pjanti tat-tkomplija tal-prominad tal-Qajjenza. Is-Sindku nforma l-Kamra li l-pjanti jinsabu fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali u kulħadd jista' jitlob lis-Agent Segretarju Ezk. sabiex jarahom.

- fakkar sabiex il-Kunsill Lokali jerġa' japplika għall-*swimming zones* li s-sena l-oħra ma' ġewx aċċettati. Ukoll irrimarka li ta' min jiċċekkja jekk iċ-ċaqliq li se jsir tal-irmiġġi hux se jaffettwaw is-*swimming zones*.

- issuġġerixxa li jsir sotto-kumitat għall-attivitajiet flimkien mal-Għaqda tal-Federazzjoni sabiex ikun hemm aktar koordinazzjoni bejn l-attivitajiet tal-Kunsill Lokali u tal-għaqdiet lokali.

- informa l-Kamra fir-rigward tal-istruzzjoni li tat it-Transport Malta, dik li titneħħa l-*one-way system* fi Triq il-Gawwi. Minħabba li ma setax jintlaħaq ftehim ġie deċiż li jintalab lill-Transport Malta sabiex uffiċċjali ta' Transport Malta jiġu fuq il-post sabiex tiġi diskussa din il-materja.

- irrimarka li s-Sala tal-Komunita' għandha bżonn ftit manutenzjoni. J.Baldacchino talab, li jekk kulħadd jaqbel, jibda jieħu ħsieb il-bżonnijiet tas-sala hu. Kulħadd qabel.

- informa l-Kamra li skont Mistoqsija Parlamentari, ġie kkonfermat li parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilita' m'għandhomx ikunu personalizzati.

- staqsa x'inhu l-istadju tal-*outdoor gym*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li l-applikazzjoni tal-MEPA għall-*masterplan* tal-Bajja s-Sabiħa tinkludi wkoll applikazzjoni ghall-*outdoor gym.*

2. Il-Kunsilliera, is-Sinjura B.Pace :

- ġibdet l-attenzjoni li s-sala għandha bżonn manutenzjoni bħal żebgħa, manutenzjoni fuq l-imwejjed u t-*toilet* fost oħrajn.

- irrimarkat li l-uffiċċji m'humiex jiġu mnaddfa sew. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandu jibda jsir tindif *extra* iffokat ta' partijiet tal-uffiċini filwaqt li nibqgħu għaddejjin bit-tindif ġenerali regolarment.

- infurmat lill-Kamra li għall-attivitajiet kulturali "Festa ta' Għana u Tradizzjonijiet" u "Inġeddu Tfulitna", il-Kunsill ħa fondi għall-organizzazzjoni taghhom ta' €1000 u €2000 rispettivament.

3. Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- talab sabiex zkuk ta' siġar mejta fi Triq Żarenu Dalli jiġu mneħħija. Is-Sindku irrimarka li se jinġiebu stimi għal tali xogħol.

- informa l-Kamra li l-Kunsill Lokali ħa fondi ta' € 88842.55 sabiex isiru bandli ġodda fil-Bajja s-Sabiħa u fi Ġnien Profs. Anton Tabone.

- reġa' rrimarka fuq il-bżonn li jsiru z-*zebra crossings* fl-*area* ta' San Ġorġ. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tinstalla dawl jaħdem bis-*solar* fiż-*zebra crossings* ta' quddiem l-għassa bħala proġett pilota sabiex wara jiġi kkunsidrat isirux iż-*zebra crossings* ta' San Ġorġ b'dawl li jaħdem bix-xemx.

4. Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :

- ressaq talba quddiem il-Kamra sabiex jitqiegħed *pontoon* temporanju fil-Bajja s-Sabiħa sabiex ikun jista' jsir xi logħob mad-dawra tiegħu. Dan il-*pitch* temporanju jkun jista' jintuża wkoll mir-residenti. Wara diskussjoni l-Kamra ma sabet l-ebda oġġeżżjoni sabiex jitqiegħed dan l-apparat bil-kundizzjoni li ma jkunx fiss, ma jintrabat xejn miegħu u suġġett għall-permessi kollha meħtieġa.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fis-7.00pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis, 27 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **..........................................** | **...............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżk.** |